MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 987/2003/1

**Fenici Insurance Agency Limited u Lloyds Malta Limited fil-kwalita` taghha ta' rapprezentant lokali ghan-nom tal-membri ta' l-assiguratur esteru Lloyds, li flimkien jiffurmaw is-sindikat li jgib in-numru 362, u Fenici Insurance Agency Limited din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Edward Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sun Power Catering Company Limited taht polza tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi, u l-istess Edward Borg f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sun Power Catering Company Limited.**

**v.**

**Albert Schembri u Vincent Gerada**

**Il-Qorti:**
**PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Albert Schembri ghall-fini tar-revoka ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-28 ta' April 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi, liema sentenza se tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell;

"Il-Qorti;

"**Preliminari**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi:

"Peress illi fl-1 ta' Ottubru 2001, ghall-habta tat-8.30a.m. waqt li `l-attur Edward Borg kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Mercedes Benz, bin-numru ta' registrazzjoni CBB-728, gewwa Regional Road, Msida, huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAO-357 misjuqa mill-konvenut Albert Schembri, kif ukoll mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVH-419, misjuqa mill-konvenut Vincent Gerada;

"Peress illi l-incident *de quo*, sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

"Peress illi bhala rizultat ta' l-incident automobilistiku *de quo*, il-vettura bin-numru ra' registrazzjoni CBB-728 sofriet hsarat estensiva, tant illi l-istess vettura giet dikjarata bhala *beyond economical repair;*

"Peress illi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive u sko*nd il-Ligi, is-socjeta` attrici Fenici Insurance Agency Limited ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-assigurat taghha l-attur Edward Borg f'ismu propju kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` Sun Power Catering Company Limited, inkluzi

dawk id-danni konsistenti f'telf ta' uzu ta' l-istess vettura, fl-ammont komplessiv ta' hamest elef erba' mija u seba' Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 5, 407.27), u konsegwentement, l-istess socjeta` attrici giet minnu debitament surrogata fid-drittijiet kollha tieghu, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Peress illi l-attur Edward Borg, f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sun Power Catering Company Limited, sofra wkoll danni konsistenti fis-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00), rapprezentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"Peress illi l-konvenuti, minkejja li gew debitament interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni fuq imsemmija, anke permezz ta' ittra ufficjali, baqghu inadempjenti;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

"1. Tiddikjarahom jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-1 ta' Ottubru 2001, ghall-habta tat-8.30a.m, gewwa Regional Road, Msida, kif fuq premess;

"2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta` attrici Fenici Insurance Agency Limited is-somma ta' hamest elef, erba' mija u seba' Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm5,407.27) jew somma verjuri, ammont rapprezentanti d-danni kollha sofferti minnha bhala rizultat ta' l-incident, kif fuq premess;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur Edward Borg is-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100.00), ammont rapprezentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni relattiva;

"Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar 2002, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dana l-att sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol.3 tal-process.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Vincent Galea a fol. 12 tal-process fejn ecepixxa:

“1. Illi t-talbiet ta’ l-atturi diretti fil-konfront ta’ l-eccipjenti, xufier fi hdan id-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-incident *de quo* ma garax minhabba xi negligenza, traskuragni, imperizja jew non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess eccipjenti;

“2. Ghaldaqstant, l-eccipjenti jirrespingi t-talbiet ta’ l-atturi fil-konfront tieghu bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Albert Schembri a fol. 24 tal-process fejn eccepixxa:

“1. <u>In linea preliminari,</u> is-socjeta` attrici Fenici Insurance Agency Limited fil-kwalita` li pproponiet din l-azzjoni mhix il-legittimu kontradittur ta’ l-eccipjent stante li a tenur ta’ l-Att XVII tal-1998 ir-rapprezentata legali ta’ Lloyds u tas-*syndicates* taghha hija tas-socjeta’ Lloyds (Malta) Limited mhux tas-socjeta` attrici Fenici Insurance Agency Limited. Ghalhekk l-eccipjent ghandu jkun mehlus mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-istess socjeta’ attrici.

“2. <u>Fil-mertu</u>, l-eccipjent ma kienx responsabbli ghall-incident *de quo.* Ghalhekk l-ewwel talba attrici kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda.

“3. Fir-rigward tat-tieni talba, fejn huwa koncernat l-eccipjent, ma hemmx lok ghal likwidazzjoni ta’ danni favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz, u <u>**bla pregudizzju ghall-premess,**</u> id-danni reklamati mill-atturi huma esagerati u ma jirriflettux id-danni attwalment u materjalment ikkagunati bhala konsegwenza ta’ l-incident *de quo.*

"4. Ghalhekk anke t-tielet talba attrici ghandha tkun rigettata stante li m'hemmx lok ghall-kundanna ta' l-eccipjent ghall-hlas ta' xi danni favur l-atturi.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

"Rat in-nota a fol. 85 li biha s-socjeta` attrici cediet it-tielet talba taghha relattivament ghal hlas ta' *excess payment* izda zammet ferm it-talbiet l-ohra;

"Rat in-nota a fol. 115 li biha l-attur Edward Borg f'ismu proprju ceda l-kawza filwaqt li zamm ferm it-talba li hu ntavola ghan-nom tas-socjeta' Sun Power Catering Company Limited;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

"**<u>Talbiet u kontestazzjoni</u>**

"L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-1 ta' Ottubru 2001, ghall-habta tat-8.30a.m. gewwa Regional Road, Msida u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm5,407.27, jew somma verjuri, ammont rapprezentanti d-danni kollha sofferti minnha bhala rizultat ta' l-imsemmi incident.

"**<u>Responsabilita` Gerada</u>**

"Illi rigward il-konvenut Gerada l-Qorti tiddeciedi li hu ma kellu l-ebda tort ghall incident billi hu ntlaqat miz-zewg karozzi li kienu warajh u fil-fatt il-hsarat tieghu gew imhallsa mill-assigurazzjoni tal-konvenut Schembri. (ara

affidavit ta’ Joseph Brincat a fol 111 u ricevuta a fol 112 ghal Lm653.96).

“**<u>Eccezzjoni preliminari Schembri</u>**

“Dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut Schembri din giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata minn dina l-Qorti.

“**<u>Eccezzjoni fil-mertu tal-konvenut Schembri</u>**

“Fil-mertu l-konvenut Albert Schembri qed jeccepixxi illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tieghu billi huwa kien qed isuq bil-galbu l-vettura nru. KAO-357 gewwa Regional Road, Msida, wara traffiku iehor, meta unikament minhabba kwantita` ta’ diesel li kien hemm imxerred fit-triq il-vettura tieghu skiddjat u baqghet diehla fil-vettura ta’ quddiemha li mbaghad spiccat mahbuta fil-vettura ta’ quddiemha.

“Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut Schembri eccepixxa inoltre li d-danni reklamati mill-atturi huma esagerati u ma jirriflettux id-danni attwalment u materjalment ikkagunati bhala konsegwenza ta’ l-incident *de quo*.

“**<u>PROVI</u>**

“Fl-*istatement* maghmul minn Vincent Gerada bl-ilsien Ingliz, dan ighid hekk**:**

““*At around 8.30 a.m. on the day of the accident, he was driving vehicle Mitsibushi GVH 419 and Mr. Edwin Debono was passenger. He was driving in Regional Road towards Marsa driving relatively slowly as there were a few cars in the area. His van was suddenly hit from the rear and jolted forward by a car behind. When he came out of the car he found a Mercedes behind his car whose driver was injured and behind the Mercedes there was a truck. He did not notice any brake marks. In*

*the inner lane he could see some liquid, (could be diesel) but on the outer lane, that is, the lane where the vehicles were, there was no liquid*."

"Fil-Qorti, Gerada kkonferma din id-dikjarazzjoni tieghu.

"Edwin Debono fl-istatement tieghu kkorrobora pjenament l-*istatement* maghmul minn Gerada.

""*He stated that the driver of the Mercedes was moaning in pain and he in fact did not dare move him for fear that he would injure him further or cause him further pain. Debono spoke to the driver of the truck who said that he did not know what happened and was trying to phone his employer. He confirmed that on the inner lane there was liquid but there was no liquid on the outer lane."*

"Fl-Affidavit li pprezenta fil-Qorti Edwin Debono jghid illi ma kienx hemm hafna karozzi fit-triq u li l-karozzi li kien hemm kienu mexjin bil-mod. Illi l-*inner lane* kienet imxarba bl-ilma izda l-*outer lane* ma kienitx. F'daqqa wahda sema' hoss kbir u ezatt wara hass daqqa fil-vettura li kien fiha.

"P.S. 1373 John Micallef xehed li mar fuq il-post tal-habta u li l-habta saret fuq l-*outer lane*. Qal li kien hemm skoss diesel fl-art. Kien hemm *small patches* b'xi diesel fl-*outer lane* u kien hemm hafna diesel fuq l-*inner lane*. Xehed li d-diesel beda hafna qabel il-vetturi fuq l-*inner lane* u fuq l-*outer lane* kien hemm ftit diesel qabel l-ewwel vettura. Xehed li d-diesel kien niezel minn fejn kienu gejjin il-vetturi u li ma kien hemm hadd fuq l-*inner lane*. Meta gara l-incident kien ghaddej *slow traffic*. Kif jidher mill-*isketch* kien hemm *patch diesel* taht it-*truck*. Il-vettura tan-nofs kellha hsarat *full rear* u l-vettura fuq quddiem ma kellhiex hsarat kbar. Hu xehed illi l-Mercedes sabha mqatta' meta wasal fuq il-post u ma kienx prezenti meta din fil-fatt tqattghet minn tas-Civil Protection li kienu diga' telqu minn fuq il-post meta wasal. Ma kienx hu li ha d-decizjoni biex jaqtghu s-saqaf tal-Mercedes. Hu kkonferma li l-feriti li kellu d-*driver* ta' CBB-728 kienu *slight safe complications*.

"Fid-*Drivers' statement* li hemm fl-okkorrenza li giet ezebita nsibu li d-*drivers* qalu hekk:

"Gerada qal – *whilst driving behind traffic towards Qormi, collision occurred from the rear*.

"Borg – *whilst stationary behind traffic, collision occurred after seeing truck coming from rear mirror*.

"Schembri – *Whilst driving behind Borg, applied brakes as car in front stopped suddenly, yet diesel of the road was in contact with truck wheels and instead of stopping, dashed straight into Borg's car.*

"Edward Borg, id-*driver* tal-Mercedes xehed li dak in-nhar ta' l-incident hu kien qed isuq il-vettura bin-numru CBB-728. Kien ghaddej mill-*by-pass*, fid-direzzjoni ta' Hal Qormi, fuq il-*lane* ta' barra. Kien hemm it-traffiku fit-triq u waqaf wara l-karozza ta' quddiemu. Meta waqaf hu hares mill-mera u ra *truck* gej lejh b'sahhtu u li baqa' diehel go fih. Hu hass daqqa kbira u sab ruhu mghaffeg bejn is-*seat* u l-*isteering*. Imbaghad hassu hazin. Ma jafx kif harguh mill-karozza izda qalulu biex ma jcaqalquhx u fethu s-saqaf tal-karozza. Ma jafx min fetah is-saqaf.

"Joseph Perici Calasione, Managing Director ta' Fenici Insurance Agency kkonferma li Borg kien inxurjat *comprehensive plus*. L-*insurance* hallset Lm5,007.23 u kellha *recovery* ta' Lm100 ta' l-*excess*. L-*insurance* f'polza tat-tip *comprehensive plus* bhal ma kellu Borg taghti lill-assigurat il-beneficcju ta' kiri ta' karozza mill-bidunett. L-insurance Agency ikkomunikat ma' l-Elmo Insurance biex tara jekk dawn jaccettawx ir-responsabbilita` izda dawn m'accettawx. Din il-konferma imbaghad rcevewha fit-22 ta' Jannar 2002 u sa dak in-nhar kienu ghadhom qed jiddibattu mal-*garage, panel beater* u ma' l-Elmo Insurance jekk il-karozza kellha tissewwiex jew le. L-ghada ta' l-incident sar is-*survey* izda s-*survey report* ircevewh fid-29 ta' Novembru 2001.

"Joseph Brincat xehed li hu mpjegat bhala Principal mad-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi fit-taqsima tax-

Xogholijiet u li l-vettura GVH-419 tappartjeni lid-dipartiment u garrbet hsarat wara li kienet involuta fl-incident tat-traffiku msemmi u li dawn il-hsarat li garrbet jammontaw ghas-somma ta’ Lm653.96 u thallsu mill-Elmo Insurance (fol 112).

“Il-konvenut Albert Schembri fl-affidavit tieghu ddikjara li hu kien qed isuq truck bin-numru KAO-357 u kien wahdu. Fit-triq kien hemm traffiku qawwi u cioe’ serbut ta’ karozzi fiz-zewg *lanes*, jieqfu u jsuqu wahda wara l-ohra u qed isuq bil-mod. Il-vettura ta’ quddiemu saqet u hu saq ukoll. Ta’ quddiemu rega’ waqaf izda meta ghafas il-*brakes* it-*truck* skiddja. Qal li kien qed izomm distanza daqs tul ta’ karozza bejnu u bejn ta’ quddiemu u li l-*brakes* tat-*truck* huma *power brakes*. Meta nizel mit-*truck* hu nduna li kien hemm diesel imferrex fuq iz-zewg lanes u r-roti ta’ quddiem u ta’ wara tat-*truck* kienu imxarrbin bid-diesel. Hu ra li d-diesel kien imferrex ukoll aktar ‘l quddiem mill-post tal-habta. Meta kien fit-triq hu sema lil Teddy Borg jokrob fil-Mercedes li qallu biex ma jmissux u biex icempel ambulanza. Teddy Borg baqa’ l-hin kollu fil-karozza. Meta waslet l-ambulanza Teddy Borg beda’ jinsisti li ma jcaqalquhx minn fuq is-*seat* tal-karozza minhabba l-ugigh li kellu f’daru. Xi hadd sejjah lill-Protezzjoni Civili li gew u qatghu s-saqaf tal-Mercedes u hargu lil Borg bis-*seat* b’kollox.

“Fil-Qorti xehed li ma kienx induna bid-diesel fl-art u li meta ghafas il-*brakes* huwa sab li ma kienux qed jahdmu. Hu mbaghad induna li kien hemm id-diesel taht ir-roti tal-vettura tieghu. Xehed illi ma kienx ghaddej bi *speed* u li l-karozzi l-ohra kollha ghaddew minn fuq dan id-diesel.

“John Callus xehed li hu kien gie nkarigat biex jaghmel *survey* ta’ Mercedes bin-numru CBB-728 u dan ghamlu fit-2 ta’ Ottubru 2001. Il-parti ta’ wara kollha tal-Mercedes kienet qalghet daqqa kbira u kellha tinbidel kollha. Hu qal li bil-hsara li kien hemm quddiem u fuq wara l-karozza kienet tissewwa u ma kienitx tkun *write off*. Il-Mercedes hi tan 1989. Il-bibien fuq quddiem u fuq wara setghu jinfethu u l-pilastri ma gewx affettwati.

“**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

“Il-habta in kwistjoni sehhet bejn tlett vetturi wara xulxin; ta’ quddiem nett il-vettura GVH-419 misjuqa minn Vincent Gerada; fin-nofs il-vettura bin-numru CBB-728 misjuqa minn Borg u fuq wara nett it-*truck* bin-numru KAO-357 misjuq minn Schembri (ara *sketch* u rapport tal-pulizija a fol. 47-51 tal-process). Il-vetturi kienu sejrin lejn id-direzzjoni tal-Marsa fil-*by-pass* ta’ Regional Road, Msida, fejn l-Isptar St. Philips meta t-*truck* baqa’ diehel fil-Mercedes ta’ Borg u din giet imbuttata fuq il-vettura misjuqa minn Gerada.

“Dwar il-kawza ta’ l-incident fl-okkorrenza Schembri gie rappurtat li qal li *whilst driving behind Borg, applied brakes as car in front stopped suddenly*, u saret il-habta. Schembri dahal fil-karozza ta’ Borg u dina giet imbuttata fuq il-karozza ta’ Gerada. Schembri qed jallega li hu habat ghax ta’ quddiemu cjoe` Borg, waqaflu f’daqqa.

“Kif qalet tajjeb il-Qorti fis-sentenza Dr. R. Zammit Pace noe vs T. Catania et Vol LXX1 p3 p 722 deciza fis-26.11.1987:

*““sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss ghandu jzomm "proper lookout" imma wkoll kontroll shih fuq il-vettura tieghu. Apparti minn "speed", kull xufier ghandu joqghod attent li jzomm distanza ragjonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'kaz ta' waqfien f'daqqa u imprevist.... tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tieghu tempestivament"* (ara wkoll Highway Code Art. 49; App.Krim Pul vs V. Sammit 4.6.60; Vol XL111 p 243).

“Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut Schembri kien, fi kliemu stess, qed isegwi serbut karozzi fiz-zewg *lanes*, jieqfu u jsuqu, wahda wara l-ohra, bilmod. Hu kien ghaddej wara traffiku iehor li kien ghaddej bil-mod u ghalhekk kien jaf li t-traffiku ta’ quddiem setgha f’kull mument jerga jieqaf ghalhekk il-fatt li ma waqafx tempestivament ifisser li hu ma kienx qed izomm *proper look out* u distanza sufficjenti boghod minn ta’ quddiemu a

paragun ta’ l-*ispeed* li kien ghaddej bih. Kontra dak li xehed Schembri, li hu kien ghaddej bil-mod, Edward Borg jghid li meta waqaf hu hares mill-mera u ra t-truck ta’ Schembri gej lejh b’sahhtu u qal li dan kien gej ghal go fih u fil-fatt baqa’ diehel fih, hass daqqa kbira u sab ruhu mghaffeg bejn is-seat u l-*isteering* u wara hassu hazin.

“Schembri jghid ukoll li t-*truck* ma zammx ghax *diesel of the road was in contact with truck wheels and instead of stopping, dashed straight into Borg’s car* (ara okkorrenza).

“Sewwieq mhux skagjonat mir-responsabilita’ ghad-danni ghas-semplici fatt li fit-triq li minnha kien ghaddej kien hemm xi zjut, kemm il-darba jirrizulta li kieku hu zamm *a proper look out* kien ikun jista’ jevita tali zjut (P.A. L.Pavia noe vs Carmen Borg 11 ta’ Ottubru 2002).

“Gie ritenut mill-Qrati taghna li f'materja ta' SKID il-principju regolatur ma jistax ikun hlief li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilita` nonostante li skid. Jekk ma tirrizultax, allura li skid hija *defence*, ghax tkun *inevitable accident*. Ghaldaqstant biex d-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-*driver* jipprova mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu *driver* prudenti meta l-art tkun tizloq (Pul vs C.Cachia Vol 37 p4 p 920).

Ghalhekk Schembri kellu jipprova

- “mhux biss li l-iskid kienet dovuta ghall-art tizloq,
- “imma wkoll li l-iskid saret bl-ebda tort tieghu
- “u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu *driver* prudenti meta l-art tkun tizloq.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-triq minn fejn kienu qed isuqu l-karozzi kien hemm *patches* ta’ *diesel* li fil-maggjor parti kien fuq il-*lane* ta’ gewwa u kien hemm xi *patches* zghar fil-*lane* ta’ barra – kien hemm *diesel* quddiem il-

karozza ta' Gerada u *diesel* taht it-truck tal-konvenut Schembri.

"Jirrizulta pero`, u hu ammess minn Schembri, li f'dak il-hin kien hemm serbut ta' karozzi li kollha kienu ghaddejin mill-istess triq u hadd minnhom ma skiddja hlief it-truck tal-konvenut Schembri. Ghal xi raguni Schembri skiddja, imma dan gara mhux ghax hu ma kellux jinduna bid-*diesel* kieku kien qed isuq b'mod prudenti, imma ghal xi raguni, jew minhabba *speed* qawwi (ara xhieda ta' Borg) jew ghax ma kienx qed izomm *proper look out* u distanza sufficjenti boghod minn ta' quddiemu, Schembri kellu jibbrekja f'daqqa u skiddja. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li Schembri ma hax il-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu *driver* prudenti meta l-art tkun tizloq, u kien hemm negligenza antecedenti li wasslet ghall-iskid.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort ghall-incident kien unikament tal-konvenut Schembri.

"**<u>Likwidazzjoni ta' danni</u>**

"L-atturi Fenici Insurance Agency Limited hallsu lill konvenut Borg is-somma ta' Lm4,600 bhala *pre accident value* tal-karozza billi kienet *total loss* (ara fol 64 u 125). Borg kellu jhallas lis-socjeta` attrici Lm100 bhala *excess* u li hu issa qed jitlob f'dina l-kawza minghand il-konvenuti. Qed jintalab *loss of use*, cjoe` kiri ta' karozza bejn l-4 ta' Ottubru 2001 u t-22 ta' Dicembru 2001 u (Ricevuta Avis ghall Lm484.04 ara fol 155) u bejn it-23 ta' Dicembru 2001 sas-26 ta' Jannar 2002 minghand Buskett Forest Car Hire ghall-hlas ta' Lm207.23 (ara fol. 71 u 72 tal-process) Total: Lm484.04 + Lm207.23 = Lm691.27

Skond klawsola taht ir-raba' sezzjoni (ara fol. 98 tal-process) tal-polza assigurattiva jinghad dan:

""*Where the Insured Vehicle is declared beyond economical repairs following an accident or it is stolen the use of the Alternative Vehicle shall terminate <u>on the date that the insurers pay the claim admitted</u> hereunder or on*

*the expiry of 20 days from the date of the accident giving rise to the claim whichever occurs first*".

"Is-socjeta` attrici hallset il-*claim* maghmula minn Edward Borg fit-23 ta' Jannar 2002 jigifieri sa dik il-gurnata l-assigurat kien kopert mill-polza assigurativa f'dak li jirrigwarda l-kera ta' karozza. Il-polza assikurattiva ma tkoprix il-kera ta' karozza mill-24 ta' Jannar sas-26 ta' Jannar 2002 iz-zewg dati inkluzi u dan jammonta ghal Lm17.76.

"IL-konvenut Schembri qed jissottometti li d-danni reklamati mill-atturi huma esagerati u ma jirriflettux id-danni attwalment u materjalment ikkagunati bhala konsegwenza ta' l-incident *de quo*. Hu qed jghid li ma kienx necessarju li jinqala s-saqaf tal-vettura Mercedes ta' Borg billi dan setgha jinhareg mill-vettura minghajr ma jsir hekk u hu Borg kellu biss griehi *slight safe complications* u kien l-istess Borg li nsista li ma jinharigx mill-vettura.

"Bhala principju generali "*it is the duty of the plaintiff to mitigate the damages, by doing whatever is reasonable to keep down the loss as far as he can*" (Munkman's Damages).

"Dwar il-kwistjoni jekk id-danni kawzati bil-qlugh tas-saqaf tal-karozza humiex dovuti mill-konvenut il-Qorti taghmel riferenza ghall insenjament ta' awtur f'dina l-materja (ara Bingham Motor Claims Cases). Dan jghallem li "*the question is whether a particular form of loss is a sufficiently direct result of the wrongful act {of defendant} as to give the plaintiff a right to be compensated for that loss*". Hu jispjega li, "*The chain of causation is broken when there is an intervening action which could not reasonably be foreseen or expected. The negligence should be the immediate or precipitating cause of the damage. Is the consequence fairly to be regarded as within the risk created by the negligence? To break the chain of causation it must be shown that there is something which is extraneous, a new cause which disturbs the sequence of events. A person who has negligently placed others in a situation of such peril that it*

*was foreseeable that someone would attempt his rescue, is liable for the consequences*."

"Illi fl-incident in kwistjoni l-karozza ta' Borg garrbet hsarat kbar fuq wara bid-daqqa tat-*truck* ta' Schembri b'mod li dina giet imbuttata fuq il-karozza ta' quddiemha cjoe` fuq dik ta' Gerada u l-Mercedes garrbet hsarat fuq quddiem ukoll. Il-karozza ta' Gerada garrbet biss biss Lm653.96 hsara. Borg spicca mghaffeg bejn is-*seat* u l-*isteering* u kien korra u hassu hazin. Meta giet l-ambulanza billi Borg kien mugugh u ma setghux johorguh mill-karozza gew tac-Civil Protection li ddecidew li jaqilghu s-saqaf tal-karozza u hargu lill Borg bis-seat b'kollox u haduh l-isptar. M'hemmx prova li kien Borg li nsista li jinqala' s-saqaf tal-karozza tieghu, u hu kien mugugh u anke hassu hazin.
Illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jidher li kemm ta' l-ambulanza kif ukoll tas-Civil Protection hassew li ma kellhomx icaqilqu lil Borg minn kif kien u ghazlu li johorguh billi jinqala' s-saqaf tal-vettura. Ma jidhirx li dina kienet xi decizjoni rragjonevoli fic-cirkostanzi jew li kienet xi wahda kappriccuza jew irrisponsabbli. Huma ma setghux ikunu certi li ma kienx hemm perikolu ghal Borg kieku dan kellu jinqala' mill-posizzjoni li kien billi jingibed mis-*seat* tal-karozza fejn kien imwahhal bejn l-*isteering* u s-*seat.* Illi l-mizura li ttiehdet minn tas- Civil Protection kienet wahda li kienet previdibbli f'incident simili u ghalhekk jezisti ness ta' kawzalita` bejn il-hsara kagjonata u l-htija tal-konvenut Schembri.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ammont mitlub mill-atturi fic-citazzjoni ghandu jithallas mill-konvenut Schembri.

"Riepilogu

"Ammont dovut mill-konvenut Schembri lis-socjeta` attrici:

"Lm4,600 valur tal-vettura CBB-728 imhallas mis-socjeta` attrici
"Lm100 dovuti lil Borg noe
"u Lm673.51 kiri ta' karozzi (Lm691.27 – Lm17.76);

"Total dovut: Lm5,373.51

“**<u>DECIZJONI</u>**

“Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut Schembri unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar l-1 ta’ Ottbru 2001, ghall-habta tat-8.30 a.m. gewwa Regional Road, Msida;

“Tikkundanna lill-konvenut Schembri jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm5,273.51 ammont rapprezentanti d-danni kollha sofferti minnha bhala rizultat ta’ l-imsemmi incident; u Lm100 bhala *excess* lill Borg noe;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut Schembri u bl-imghax mill-11 ta’ Dicembru 2003 sad data tal-effettiv pagament.”

**<u>IR-RIKORS TA’ L-APPELL TAL-KONVENUT ALBERT SCHEMBRI</u>**

2. Il-konvenut Albert Schembri hassu aggravat mis-sentenza surreferita, u interpona appell minnha. In succint, it-tlett aggravji tal-konvenut appellant huma s-segwenti;

i) Fl-ewwel lok rigward l-ewwel talba attrici u cioe` r-responsabilita` ghall-incident, li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-fatti tal-kaz billi skartat provi oggettivi u determinanti bil-konsegwenza li waslet ghal konkluzzjoni zbaljata li l-incident gara unikament bi htija tal-konvenut appellant.

ii) Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghal premess, ghar-rigward tat-talbiet attrici l-ohra, li fil-likwidazzjoni tad-danni tas-socjeta` appellata, l-ewwel Qorti ma applikatx il-principju li d-dannegjat ghandu l-obbligu li jimmitiga d-danni tieghu izda illikwidat favur is-socjeta` attrici appellata Fenici Insurance Agency Ltd danni li kienu manifestament esagerati u li ma kienux jirriflettu id-danni attwalment u materjalment ikkagunati mill-konvenut appellant bhala konsegwenza tal-incident <u>*de quo*</u>;

iii) It-tielet aggravju tal-konvenut appellanti jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li jithallas imghax legali mill-11 ta’ Dicembru 2003.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT APPELLAT VINCENT GERADA**

3. Il-konvenut appellat Vincent Gerada jissottometti li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. L-appellat isostni fir-rigward tal-ewwel aggravju li mill-provi prodotti jirrizulta b’mod car u inekwivoku li l-incident gara minhabba negligenza antecedenti jew konkomitanti da parti tal-appellant Albert Schembri, u li ghalhekk ma sehhx minhabba xi incident inevitabbli.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-konvenut appellant, dan l-appellat jistrieh fuq dak illi l-ewwel Qorti jigifieri li *“the chain of causation is broken when there is an intervening action which could not reasonably be foreseen or expected … A person who has negligently placed others in a situation of such peril that it was foreseeable that someone would attempt his rescue is liable for the consequences”.*

Fil-kuntest tat-tielet aggravju, l-appellat Vincent Gerada jissottometti li meta titressaq talba ghal hlas ta’ danni fejn it-talba tkun wahda li titlob li ssir likwidazzjoni izda t-talba tkun ifformulata ghal hlas ta’ somma specifika, f’dan il-kuntest l-imghax jibda jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intimazzjoni permezz ta’ att gudizzjarju.

**IR-RISPOSTA TAL-ATTURI APPELLATI FENICI INSURANCE AGENCY LIMITED U EDWARD BORG.**

4. L-atturi appellati jissottomettu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita pjena konferma. L-appellati jkomplu billi jghidu li minhabba l-fatt illi l-appellanti qieghed jistieden lil din il-Qorti ta’ l-Appell sabiex taghmel ri-apprezzament tal-provi, ezercizzju simili ghandu jsir biss meta jkun hemm ragunijiet gravi. Jirrilevaw ukoll li fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant qatt ma jirritjeni li kien hemm applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Fir-rigward tar-responsabilita` tal-appellant, l-appellati jsostnu li l-appellant huwa zbaljat meta jghid li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri ma sehhx bhala rizultat ta' xi responsabilita` min-naha tieghu izda sehh minhabba cirkustanza imputabli ghal forza magguri. Din l-asserzjoni hija zbaljata u tinsab ukoll kontradetta kemm mill-fatti kif ukoll min-normi legali applikabbli.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-aggravju tal-appellant rigward il-likwidazzjoni tad-danni, l-appellati jsostnu li dak li qieghed jallega l-konvenut appellant kellu jigi ppruvat minnu stess u ghalhekk l-oneru tal-prova li l-attur Edward Borg appellat naqas milli jimminimizza d-danni kellu jigi ppruvat mill-konvenut appellant u mhux, kif qieghed jallega l-appellant, li kellu jigi ppruvat mill-atturi.

**FATTI MERTU TAL-KAWZA**

5. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellant Albert Schembri, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar opportun li l-ewwelnett telenka l-fatti mertu tal-kawza in kwistjoni:

i) F'dan l-incident awtomobilistiku li gara fil-1 ta' Ottobru 2001, kienu involuti tlett karozzi, l-karozza tal-konvenut appellat Vincent Gerada bin-numru ta' registrazzjoni GVH 419, il-karozza tal-attur appellat Edward Borg bin-numru ta' registrazzjoni CBB 278 u l-karozza tal-konvenut appellant bin-numru ta' registrazzjoni KAO 357;

ii) L-incident gara waqt illi l-vetturi kienu sejrin lejn id-direzzjoni tal-Marsa fil-by-pass ta' Regional Road, Msida hdejn il-Isptar Saint Philip, meta t-truck bin-numru ta' registrazzjoni KAO 357 baqa' diehel go Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni CBB 278, liema Mercedes baqghet diehla gol-karozza bin-numru ta' registrazzjoni GVH 419;

iii) Jidher li l-karozza ta' quddiem li kienet qieghda tinsaq minn Vincent Gerada, kienet wieqfa u warajha

kienet wieqfa wkoll il-karozza tal-attur appellat Edward Borg. Gara li meta Albert Schembri gie biex jieqaf habat mal-vettura ta' Edward Borg, u dan Borg baqa' diehel gol-vettura ta' Vincent Gerada;

iv) Irrizulta li fil-hin li sehh l-incident kien hemm hafna traffiku u li ghalhekk il-karozzi kienu qeghdin jimxu bil-mod;

v) Irrizulta wkoll li kien hemm diesel fit-triq u ghalkemm Vincent Gerada, u passigier fil-karozza GVH 419 qalu li kien hemm diesel fl-"*inner lane*" biss u mhux fl-"*outer lane*" fejn kienu huma, mill-iskizz tal-incident u mix-xiehda tal-pulizija PS 1373 John Micallef, a fol. 52, tal-process u mix-xiehda tal-konvenut appellant Albert Schembri jidher li d-diesel kien mifrux kemm fl-"*inner lane*" u kemm fil-"*outer lane*";

vi) Il-karozza tal-attur appellat li kienet bejn iz-zewg vetturi l-ohra sfat milquta u mghafga bejniethom. L-attur beda in segwitu jilmenta minn ugiegh f'darhu u ma riedx jinzel mill-karozza jew jiccaqlaq. Ghalhekk gew fuq il-post, membri tal-Protezzjoni Civili sabiex johorguh mill-karozza tieghu, u biex ghamlu dan kellhom jaqtghu s-saqaf tal-karozza;

vii) Il-karozza CBB 278 giet iddikjarata bhala *"beyond economical repair".*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-ewwel aggravju tal-konvenut Albert Schembri jirreferi ghal-ewwel talba dwar responsabilita` ghall-incident *de quo*. F'dan l-aggravju, il-konvenut appellant isostni li hu mhux qieghed jipprova jimputa l-htija tal-incident lil xi wiehed mill-partijiet l-ohra izda qieghed in vece jsostni li l-incident gara minhabba d-diesel li kien hemm fit-triq u li l-karozza tieghu skiddjat.
Ghalhekk ikun utli li fl-ewwel lok din il-Qorti tezamina u tanalizza x-xhieda li giet prodotta dwar il-prezenza tad-diesel li kien hemm mifrux fit-triq. Mill-iskizz ufficjali tal-incident li jinsab ezebit a fol. 30 tal-process, il-firxa tad-

diesel tidher li kienet qeghdha fil-maggiorparti fil-karreggjata ta’ gewwa, ghalkemm proprju taht il-karozza tal-appellant Schembri jidher li kien hemm id-diesel. Mix-xiehda tal-pulizija li mar fuq il-post biex jinvestiga l-incident de quo u li tinsab a fol. 52 *et seq.* tal-process, huwa xehed hekk dwar il-prezenza tad-*diesel*:

*“Kien hemm xi diesel ma’ l-art u habtu 3 karozzi ma’ xulxin, front u rear.*

*“KAO 357 li kienet fl-ahhar nett, while driving behind CBB 728 applied brakes as car in front stopped suddenly, Yet, diesel on the road was in contact with the truck wheels, Instead of stopping crashed straight into CBB 728.*

*“Aktar lura mit-trakk ma kienx hemm iktar diesel fuq l-inner lane’. Hadd ma kien hemm fuq l-inner lane. Dawk il-patches zghar. Kif tispicca l-‘bridge’. Id-diesel kien nizel minn fejn kienu gejjin il-vetturi. Meta gara l-incident kien hemm slow traffic ghaddej. Kienu ghaddejin ‘slow speed’. Kaxxi tar-roti ma ghamiltx. Hemm ‘patch diesel’ taht it-trakk, jidher fl-‘isketch’.”*

L-appellat Vincent Gerada li kien fil-karozza GVH 419, jigifieri l-karozza ta’ quddiem, fl-affidavit tieghu a fol. 39 tal-process qal hekk:
*“I have to state as fact since I remember very clearly that there was some liquid on the inside lane, but the outer lane, that is where we were driving was completely dry.”* (a fol. 40).

Flimkien ma’ l-appellat Gerada kien hemm passiggier iehor li dwar d-diesel xehed (fol. 113):
*“Illi l-‘inner lane’ kienet imxarrba b’xi ilma imma fuq l-‘outer lane’ ma kienx hemm”*

L-appellant Albert Schembri fl-affidavit tieghu li qeghda a fol. 119 tal-process, jghid:

*“Meta nzilt mit-truck jiena ndunajt li fit-triq kien hemm diesel imferrex. Ir-roti tat-truck rajthom imxarrbin bid-diesel: ta’ quddiem kienu mxarrbin , l-istess ta’ wara.*

*Jiena rajt li d-diesel kien infirex sewwa fit-triq, fiz-zewg lanes u anke fin-nofs bejn iz-zewg lanes. Kien imferrex ukoll aktar 'il quddiem mill-post tal-habta."*

In kontro-ezami l-istess appellant Albert Schembri xehed, (a fol. 148, tal-process) hekk:

*"Jiena ma kontx indunajt li kien hemm id-diesel. Kif ghafast il-brejkijiet jiena sibt li kienu marru l-brejkijiet tat-trakk u mbaghad sibt li kien hemm id-diesel taht ir-roti. Speed ma konniex ghaddejin. Il-karozzi l-ohra kollha ghaddew minn fuq dan id-diesel."*

7. Dwar dan l-aggravvju din il-Qorti hija tal-fehma li trid tikkonsidra tlett principji bazici li ghandhom jigu applikati f'dan il-kaz partikolari, jigifieri l-fatt li l-vettura tal-konvenut appellant skiddjat, il-fatt li dahlet f'karozza li kienet wieqfa u, fl-ahharnett, ic-cirkustanza li dan kien tamponament minn wara. Meta incident isehh minhabba li karozza tiskidja, bhala regola gie ritenut li l-iskid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu. Sabiex tirnexxi d-difiza, il-parti trid tipprova li l-iskid ma kienx dovut biss ghal art tizloq izda li l-iskid sar minghajr negligenza da parti taghha u li s-sewwieq ha l-prekawzjonijiet kollha necessarji.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Josef Farrugia vs Thomas Tanti</u> deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2004, il-Qorti rriteniet illi: *"Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu (ara kawza <u>George Spiteri vs Paul Cassar et</u> deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Gunju, 1993).* Gie ritenut ukoll illi *"skid wehidha mhijiex la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilita` nonostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident": <u>Pulizija vs Alfred Attard</u> (Vol XLVII .IV.1195).*

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Kevin Caruana</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-3 ta' April, 2003 il-Qorti

rriteniet hekk; *"ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta' skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskid saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta' skid bhala tali imma jipprova wkoll li l-skid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b'mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta` kriminali".*

Minkejja li l-kawza fuq imsemmija titratta responsabbilta` kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghal dik li hi responsabbilita` civili. Fil-fatt f'kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Civili) fit-12 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Hector Carter din il-Qorti rriteniet li: *"Huwa ben saput li skid tista' sservi ta' difiza jekk dina tkun subitaneja u mhux self inflicted, bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fit-triq altrimenti nadifa. Izda f'cirkostanzi fejn dina tista' tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita l-iskid".*

Hekk ukoll fil-kawza Galea Debono noe vs Abela, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2003, intqal li l-kaz fortuwitu, il-forza maggura u l-istat ta' necessita` ma jehilsux mir-responsabilita` jekk ikunu preceduti minn htija ta' min ikkaguna d-danni."

8. It-tieni punt li din il-Qorti ghandha tikkonsidra huwa dak li l-vettura tal-konvenut appellant dahlet f'karozza ohra li kienet wieqfa, f'dan il-kaz dik tal-attur appellat Edward Borg. Meta ssehh tali cirkostanza, u cjoe` meta jkun hemm karozza stazzjonarja, il-vettura li tkun gejja minn wara ghandha ghal-inqas tirrallenta, jekk mhux ukoll tieqaf kompletament, sabiex is-sewwieq taghha jaccerta ruhu minn dak li s-sewwieq tal-vettura wieqfa quddiemu jkun se jaghmel.
Fil-kawza Brian R. Mizzi u Ian Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` General Soft Drinks Co. Ltd

<u>v. John Ciappara</u> deciza mill-Prim Awla fis-26 ta' Marzu 2003, il-Qorti rriteniet illi;

*"L-obbligi tas-sewwieq ta' wara gew delineati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza* ***John Bonnici vs Bartolomew Gauci*** *(deciza mill-Qorti ta' Appell fil-25 ta' Gunju 1984) fis-segwenti termini. Is-sewwieq ta' wara ghandu: (1) ikollu l-****karozza taht il-kontroll tieghu*** *b'mod li jieqaf meta l-karozza ta' quddiemu tieqaf; (2) l-obbligu li jzomm certu distanza mill-karrozza ta' quddiemu, ghaddej bi speed li jkun jista' jieqaf jekk jieqaf ta' quddiemu; u (3) izomm* ***a proper look out*** *biex jekk ta' quddiemu jieqaf, jaraha tieqaf mill-ewwel u jieqaf. Dawn l-obbligi jizdiedu meta* ***l-konfigurazzjoni tat-triq*** *tirrikjedi grad oghla ta' attenzjoni."*

9. It-tielet punt li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa li l-incident gara minhabba tamponament minn wara da parti tal-vettura tal-konvenut appellanti. Fi kwistjonijiet li jirrigwardaw responsabbilita` f'kaz ta' tamponament ta' din ix-xorta, il-principju li ghandu jigi applikat huwa dak tal-'*proper lookout*' li ghandu jigi abbinat ma' distanza adegwata li ghandha tinzamm mill-vettura ta' quddiem. F'din is-sitwazzjoni anke konsiderazzjonijiet ta' sewqan eccessiv jistghu jkollhom l-importanza taghhom. Dan huwa hekk ghaliex jekk wiehed ikun zamm distanza adegwata mill-vettura li ghandu quddiemu, u jkun miexi bi '*speed*' rakkomandabbli u joqghod attent minn dak li qed jigri quddiemu, l-eventwalita` ta' tamponament tigi evitata. Ghalhekk meta isehh tamponament simili, coe` vettura li tkun qed issegwi vettura ohra u tolqotha, fil-bicca l-kbira tal-kazi, l-vettura ta' wara tkun responsabbli ghall-habta.

10. Mill-provi f'din il-kawza mertu ta' dan l-appell irrizulta li kien hemm hafna traffiku fit-triq u li l-karozzi kienu ghaddejin f'serbut wara xulxin. Il-karozza tal-attur appellat kienet wieqfa wara l-karozza tal-konvenut appellat Vincent Gerada. <u>L-ebda wahda minn dawn iz-zewg karozzi ma giet effettwata mid-diesel li kien hemm fit-triq</u> – diesel li kif jidher mill-iskizz kien jinsab principlament fuq il-'*lane*' ta' gewwa. Fil-'*lane*' ta' barra, (jigifieri fejn sehh l-incident), ghalkemm kien hemm ftit diesel, kieku l-appellant kien

qed isuq b'mod diligenti u kellu l-vettura tieghu taht l-kontroll assolut tieghu, dan l-incident ma kienx isehh.

Dwar ir-responsabbilita` tal-konvenut appellant Schembri din il-Qorti tiffereferi senjatament ghal dak li qal huwa stess in kontro-ezami a fol. 148 tal-process, jigifieiri li: *"Kif ghafast il-brejkijiet jiena sibt li kienu marru l-brejkijiet tat-trakk u mbaghad sibt li kien hemm id-diesel taht ir-roti."*

11. Ghaldaqstant, a bazi tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju tal-appellant u tikkonferma dak li qalet l-ewwel Qorti li t-tort tal-incident *de quo* kien unikament tal-appellant Schembri u ta' hadd izjed.

12. It-tieni aggravju hu dwar il-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet il-ewwel Qorti. L-appellant jikkontendi li l-hsara li ghaliha ghandu jhallas tammonta ghal sitt mija u hamsin Liri Maltin (Lm650) jew l-ekwivalenti ta' elf hames mija u erbatax-il euro u disgha euro centezmi (€1,514.09) bhala hsara ta' wara tal-Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni CBB 728, oltre hamsa u tmenin lira Maltin Lm85 bhala hsara fuq in-naha ta' quddiem ta' l-istess Mercedes. L-appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-vettura ddannegjata rrizultat bhala "*beyond economical repair*" minhabba l-impatt tal-habta izda li se mai dan kien konsegwenza diretta tal-fatt li inqata' s-saqaf biex jinhareg is-sewwieq. L-appellant ikompli li ma ngabitx prova da parti tal-attur illi sabiex Edward Borg jinhareg mill-vettura bilfors kellu jinqata' s-saqaf. L-appellant jikkontesta wkoll l-fatt illi l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas anke ghall-*"loss of use"* tal-karozza li ammonta ghal sitt mija tlieta u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm 673.51) jew l-ekwivalenti ta' elf hames mija tmienja u sittin euros u sitta u tmenin euro centezmi (€1,568.86), minkejja li l-vettura tal-attur appellat kienet giet ddikjarata *"beyond economical repair"* fil-gurnata stess li sehh l-incident. Fl-ahharnett, l-appellant jikkontendi li l-izborsi li ghamlet l-assigurazzjoni favur l-attur appellat mhumiex awtomatikament dovuti mill-appellant jekk dawn jirrizultaw bhala esagerati u lezivi ghal l-principju tal-minimizzazzjoni tad-danni mid-danneggjat.

13. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tad-danni derivanti minn incident awtomobilistiku, dawn il-qrati dejjem applikaw is-segwenti principji. F'materja ta' danni f'kollizjonijiet stradali, id-danneggjat ghandu d-dritt ghar-*restitutio in integrum* b'mod li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz (Anthony Xuereb et. v. Noel Caruana deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2004). Ghalhekk id-danneggjat ghandu d-dritt li jircievi dik is-somma ghaz-zmien li jkun dam privat mill-uzu tal-karozza. F'kaz illi l-karrozza tigi konsiderata bhala *"total loss"*, id-danneggjat huwa intitolat jigbor minghand il-dannegjant id-differenza bejn il-valur tal-vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghaliex dawk huma effetivament d-danni li sofra (ara wkoll is-sentenza fil-kawza fl-imsijiet: Martin Bonello Cole v. Kummissarju tal-Pulizija et. deciza mill-Prim Awla fit-3 ta' Ottubru 2003). Il-bazi korretta ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni hija jew l-ispiza tat-tiswija flimkien ma' l-ispiza relatata mal-kiri tal-karozza ohra jew inkella d-differenza bejn il-valur tas-suq tal-vettura danneggjata hekk kif kienet immedjatament qabel l-incident u l-i*scrap value* taghha flimkien ma' l-ispiza relatata mal-kiri ta' vettura ohra, sakemm din tigi rimpjazzata (ara wkoll sentenza in re: Joseph Azzopardi v. Carmelo Farrugia Zammit deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Novembru 2002).

14. L-appellant qieghed jikkontendi li l-ammont ta' hsara li ghaliha ghandu jkun tenut responsabbli jammonta ghal total ta' seba' mija hamsa u tletin Liri Maltin (Lm735) jew l-ekwivalenti ta' elf seba mija u tnax-il euro u disgha euro centezmi (€1,712.09), kwantu ghall-hsara li garrbet il-Mercedes fuq wara u fuq quddiem. Minkejja l-fatt li kif jidher mid-dokumenti ezibiti a fol. 132 sa 134 tal-process li jirraprezentaw il-"*motor survey reports"*, l-ammont totali tal-hsara tammonta ghal elf hames mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm1,515) jew l-ekwivalenti ta' tlett elef hames mija disgha u ghoxrin euro (€3,529), din il-karozza giet ikkonsiderata *"beyond economical repair"*. Ghalhekk l-appellant jissottometti li l-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt u kwindi jikkontendi li huwa ghandu jhallas biss ta' dawk il-hsarat li jidhru fl-ewwel ammont. L-appellant jargumenta li

l-fatt li tqatta' s-saqaf tal-karozza tal-appellat ghandu jirrispondi ghalih u jkun a karigu tal-appellat unikament u mhux tal-appellant. Skond l-appellant, il-vettura spiccat *"beyond economical repair"* mhux effett tal-habta izda unikament ghaliex inqata' s-saqaf biex jinhareg mill-vettura tieghu l-istess attru appellat.

Din il-Qorti hija pjuttost sorpriza b'din l-argumentazzjoni li qieghed jipprova jaghmel l-appellant – tenut kont tan-ness bejn il-habta u d-danni kollha konsegwenzjali ghal-istess habta. Kif jista' jghid li l-fatt li nqata' s-saqaf tal-karozza ma kienx effett tal-habta? Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, kif gie spjegat anke mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri deciza fil-20 ta' Ottobru 2003, li *" Hu minnu illi di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu (**Vol XL pII p653**), b'mod li jista' jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' dejjem il-fatt pero` illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b'pizijiet biex inaqqas il-hsara. (**Vol XXXVIII pI p249**)."*

Kif irrizulta quddiem il-ewwel Qorti, ix-xhud Edwin Debono li kien passiggier fil-vettura bin-numru GVH 419 jghid (ara fol. 40 tal-process) li *"I have heard that the driver of the Mercedes was only moaning in pain in fact I did not dare move him for fear of causing more pain or injury"*. L-istess appellant fl-affidavit tieghu jghid (a fol. 120): *"Kif kont fit-triq smajt lil Teddy Borg jokrob. Mort nara xi gralu u qalli biex ma mmissux u sabiex incemplu l-ambulanza … Waslet l-ambulanza fuq il-post. Teddy Borg beda jinsisti li ma jcaqqalquhx minn fuq is-seat minhabba ugigh li kellu f'dahru. Ma riedx iqum u xi hadd sejjah lill-Protezzjoni Civili u wara li waslu fuq il-post, dawn qatghu s-saqaf tal-Mercedes u hargu lil Teddy Borg bis-seat b'kollox."*

15. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti illi fic-cirkostanzi partikolari tal-incident *de quo* jirrizulta li kienu n-nies tal-ambulanza u dawk tal-Protezzjoni Civili li hassew il-bzonn li ma kellhomx

icaqalqu lill-appellat Edward Borg minn kif kien u mhux fuq insistenza tal-istess Borg, kif pretiz mill-appellant. Din il-Qorti taqbel li kien jezisti n-ness ta' kawzalita` diretta bejn il-hsara kagjonata u l-htija tal-appellant Schembri.

16. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkundannatu jhallas l-ammont ta' sitt mija tlieta u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm673.51) jew l-ekwivalenti ta' elf hames mija tmienja u sittin euro u sitta u tmenin euro centezmi (€1,568.86) bhala "loss of use". Din il-Qorti tinnota li dan mhuwiex dak li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan l-ammont li qieghed jirreferi ghalih l-appellant huwa fil-fatt l-ammont li gie minfuq mill-appellat Borg ghal kiri ta' karozza. L-ewwel Qorti ma llikwidatx id-danni li kienu jaqghu taht *"loss of use"* ghaliex kif jidher kjarament mil-likwidazzjoni tad-danni li tinsab a fol. hmistax (15) tas-sentenza, l-ewwel Qorti llikwidat erbat elef u sitt mitt Liri Maltin (Lm4,600) jew l-ekwivalenti ta' ghaxart elef seba' mija u hmistax-il euro u tnax-il euro centezmi (€10,715.12) bhala valur tal-vettura CBB 728 imhallas mis-socjeta` attrici, kif ukoll mitt Liri Maltin (Lm100) jew l-ekwivalenti ta' mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin euro centezmi (€232.94) dovuti lil Edward Borg noe. (liema ammont jirreferi ghall-*"excess"* li thallas mill-appellat kif jidher a fol. 60) u sitt mija tlieta u sebghin Liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm673.51) jew l-ekwivalenti ta' elf hames mija tmienja u sittin euro u sitta u tmenin euro centezmi (€1,568.86) ghal kiri ta' karozzi. Kif jidher mid-dokument ezibit a fol. 63 tal-process, il-*"loss of use"* kien jammonta ghal erbgha mija erba' u tmenin Liri Maltin u erba' centezmi (Lm484.04) jew l-ekwivalenti ta' elf mija sebgha u ghoxrin euro u wiehed u hamsin euro centezmi (€1,127.51), liema ammont ma giex inkluz mill-ewwel Qorti.

17. Ghalhekk a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti, qeghdha tichad dan l-aggravju tal-appellant rigward il-likwidazzjoni tad-danni li ghamlet il-ewwel Qorti u tikkonferma invece dak li gie deciz minnha.

18. L-ahhar aggravju tal-appellant Schembri jirrigwarda s-sottomissjoni li l-imghax ghandu jghaddi mid-data tas-sentenza.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-imghax kellu jibda jiddekorri mill-11 ta’ Dicembru 2003, ‘l quddiem, jigifieri mid-data li gie nnotifikat l-appellant Schembri.

Illi kontrarjament ghal dak li qieghed jissottometti l-appellant, l-ammont pretiz mill-atturi appellati kien likwidat u specifikament u dan jidher mill-att promotorju tal-atturi appellati fejn fit-talbiet taghhom talbu sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ hamest elef erba’ mija u seba’ Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm5,407.27) jew l-ekwivalenti ta’ tnax-il elf hames mija hamsa u disghin euro u hamsa u hamsin euro centezmi (€12,595.55) jew somma verjuri. Ghalhekk *una volta* li kien hemm kontestazzjoni dwar ir-responsabbilita` ghall-incident _*de quo*_ u ghall-hlas tad-danni, u finalment gie deciza li l-appellant kien tenut responsabbli unikament u billi l-ammont ta’ danni gie anke specifikat minn qabel, l-imghaxijiet kellhom jithallsu minn dakinhar ta’ l-interpellazzjoni ufficjali ghal fini ta’ pagament. Ghalhekk dawn l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru minn meta giet notifikata l-ittra ufficjali lill-konvenut appellant. Izda din il-Qorti hawn tinnota li ghalkemm din l-ittra ufficjali tissemma’ mill-atturi appellati fl-att promotorju taghhom, huma ma indikaw ebda data meta giet spedita. Barra minn hekk din l-ittra ufficjali lanqas ma giet ezebita bhala prova. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra bhala data ta’ partenza ghad-dekorrenza tal-imghaxijiet, id-data meta din l-ittra ufficjali suppost gietipprezentata. Ghalhekk isegwi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru minn meta l-konvenut appellant _gie notifikat bl-att ta’ citazzjoni_. Jidher mill-process a fol. 23 li l-konvenut gie notifikat fil-11 ta’ Dicembru 2003 u ghalhekk l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru minn dakinhar.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tichad dan it-tielet aggravju tal-appellant.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 28 ta' April 2006, fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tal-konvenut Albert Schembri, bl-ispejjez ta' dan l-appell kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------